MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2007

Numru 4332/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alphonse Abela**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment dwar pregudizzjali sollevata fl-udjenza tal-Gimgha, 6 ta' Lulju 2007, fir-rigward tar-rikors tal-Avukat Generali tat-28 ta' Gunju 2007. Permezz ta' dana r-rikors, l-Avukat Generali qed jitlob li din il-Qorti "tiddikjara li fid-data li fiha Alphonse Abela kien gie lliberat mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 ta' April 2003, kien hemm ragunijiet□bhala Qorti Istruttorja, u cioe bizzejjed biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza". Dana r-rikors qed isir skond dak li jipprovdi l-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali, kif modifikat, , bid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att VI

tal-2007 u senjatament□pero bil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 5.

**2.** Brevement il-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti: f’Jannar tal-2003, Alphonse Abela tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat b’falsifikazzjoni ta’ atti pubblici, uzu xjenti ta’ dawn id-dokumenti falsifikati, falsifikazzjoni ta’ dokumenti skond l-Artikolu 167 tal-Kap. 9 u uzu xjenti tal-istess dokumenti, dikjarazzjoni falza jew taghrif pubblika, u truffa. Fl-24 ta’ Jannar 2003 il-Qorti□falz lil awtorita Istruttorja lliberat lill-imsemmi Alphonse Abela fit-termini tal-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali allura hareg mandat ta’ riarrest skond is-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 433 tal-Kap. 9 kif dina d-disposizzjoni qabel l-emenda introdotta bl-Artikolu 4 tal-Att VI□kienet dak iz-zmien (cioe wara li privatament ikkonsulta ma’ imhallef li ma joqghodx□tal-2007), u cioe ordinarjament fil-Qorti Krminali jew fil-Qorti tal-Appell Kriminali, u t-tnejn qablu li, kuntrarjament ghal dak li kienet irriteniet il-Qorti Istruttorja, kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza. Il-kumpilazzjoni kompliet, u fl-14 ta’ Marzu 2005 l-Avukat Generali baghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali skond l-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 biex Abela jigi ggudikat minn dik il-Qorti flok ma jghaddi guri. Fl-14 ta’ Novembru 2005 l-imputat ta l-kunsens tieghu skond l-imsemmija disposizzjoni biex il-kawza tieghu tigi mismugha u deciza minn dik il-Qorti Inferjuri (ara l-verbal ta’ dik l-udjenza). B’rikors presentat quddiem dik il-Qorti mill-akkuzat fl-14 ta’ Gunju 2007, huwa talab, ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors, li jitqieghed minn dik il-Qorti “fl-istat li kien fih immedjatament wara d-digriet tal-Qorti Istruttorja tal-24 ta’ April 2003, fejn huwa gie mehlus u liberat minn kull imputazzjoni”. Il-Kummissarju tal-Pulizija (il-pulizija issa kienet responsabbli mill-prosekuzzjoni tal-kaz galadarba l-kawza giet reza sommarja mill-Avukat Generali bil-kunsens tal-akkuzat) wiegeb ghal dan ir-rikors ta’ l-akkuzat fit-28 ta’ Gunju 2007, u fl-istess jum l-Avukat Generali pprezenta quddiem din il-Qorti – il-Qorti Kriminali – ir-rikors skond l-Artikolu 433(3) aktar ‘l fuq imsemmi. Il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’

Gudikatura Kriminali tinsab differita ghat-22 ta’ Ottubru 2007.

**3.** Fl-udjenza tas-6 ta’ Lulju 2007 l-intimat Abela ssolleva, permezz tad-difensur tieghu, il-pregudizzjali li r-rikors ta’ l-Avukat Generali tat-28 ta’ Gunju kien gie prezentat barra minn zmienu in vista ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 5(1)(3)(a) tal-Att VI tal-2007. Id-difensuri tal-partijiet trattaw din il-pregudizzjali fl-istess udjenza.

**4.** Issa, ma hemmx dwar□dubbju li l-kwistjoni rimessa f’dana l-istadju lil din il-Qorti, u cioe il-pregudizzjali sollevata mill-intimat Abela, tiddependi minn applikazzjoni u, jekk ikun il-kaz, interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Att VI tal-2007. Dan l-Att gie fis-sehh fis-27 ta’ April 2007. Skond l-Avukat Generali, galadarba l-Artikolu 433(3), anke kif emendat bl-imsemmi Att, ighid li huwa “jista’” fi zmien xahar jipprezenta r-rikors ghar-revizjoni tad-decizjoni tal-Qorti Istruttorja – il-kelma “jista’” tindika diskrezzjoni – allura jsegwi li dan ir-rikors jista’ wkoll ma jsirx, u jista’ wkoll isir jekk tqum il-htiega tieghu, bhalma gara f’dan il-kaz fejn tali htiega qamet minhabba r-rikors ta’ Abela tal-14 ta’ Gunju 2007.

**5.** Din il-Qorti ma tistax tikkondividi dan il-hsieb kontort. L-Artikolu 5 tal-Att imsemmi jirreferi u japplika ghal “persuna relevanti”, li tfisser (i) persuna li qabel is-27 ta’ April 2007 kienet giet liberata (*discharged*) mill-Qorti Istruttorja u riarrestata b’mandat mahrug mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 433(3) qabel dan gie emendat, u (ii) li ma tkunx ghadha giet misjuba hatja jew illiberata (*acquitted*) sia jekk b’sentenza ta’ l-ewwel grad u sia jekk b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. Ma hemmx dubbju, ghalhekk, li l-intimat Abela huwa persuna relevanti f’dan is-sens. Is-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 5 ikompli jipprovdi li meta rikors taht l-Artikolu 433 tal-Kodici Kriminali kif emendat bl-Att in kwistjoni isir “bis-sahha ta’ dan l-artikolu” dan irid isir fi zmien xahar mid-data tal-bidu fis-sehh tal-Att, fi zmien xahar mis-27 ta’ April 2007□cioe. Anqas ma jista’ jkun hemm dubbju li r-rikors ta’ l-Avukat Generali tat-28 ta’ Gunju 2007 qed isir l-Artikolu 5 tal-Att VI tal-2007, ghax□“bis-sahha ta’ dan l-artikolu”, cioe l-

Avukat Generali addirittura qed jinvoka l-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tal-imsemmi artikolu fit-talba tieghu, u mhux qed jitlob il-hrug ta' mandat ta' arrest skond l-Artikolu 433(3). Isegwi ghalhekk necessarjament li r-rikors odjern kellu jsir fi zmien xahar mis-27 ta' April 2007, u mhux, wara li kien ghadda dan it-terminu ta' xahar, fit-28 ta' Gunju 2007. L-Artikolu 5 huwa car fil-portata tieghu u ma hemm lok ta' ebda interpretazzjoni, wisq anqas interpretazzjoni mgebbda kif qed jipproponi l-Avukat Generali. Kien ovvjament jinkombi fuq iz-zewg ufficjali tal-pulizija li qed jikkonducu din il-prosekuzzjoni – ufficjali tal-pulizija, jekk jaghzlu li jmexxu l-prosekuzzjoni f'kawzi penali, ghandhom ikunu intizi mid-dritt procedurali u mhux jistennew il-manna taqa' mis-sema – li, galadarba gie fis-sehh l-Att VI tal-2007, jigbdu l-attenzjoni ta' l-Avukat Generali ghall-fatt li Abela kien ghadu ma giex liberat jew misjub hati, biex l-Avukat Generali jiddeciedi jekk jaghmilx ir-rikors skond l-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Att.

**6.** Din il-Qorti mhix imsejha, naturalment, biex tiddeciedi x'ghandu jsir mill-proceduri penali kontra l-intimat Abela li bhalissa hemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Krminali, spcjalment fid-dawl tal-fatt li l-imsemmi Abela kien ga ta l-kunsens tieghu sabiex jigi ggudikat minn dik il-Qorti wara n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-14 ta' Marzu 2005, u fin-nuqqas ta' xi disposizzjoni specifika fl-imsemmi Att dwar x'ghandu jsir f'sitwazzjoni bhal dik odjerna. Il-kompitu ta' din il-Qorti hu cirkostritt bil-parametri tat-talba kontenuta fir-rikors tal-Avukat Generali tat-28 ta' Gunju 2007 u l-pregudizzjali sollevata fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2007.

**7.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-intimat Alphonse Abela, tiddikjara li r-rikors odjern ma sarx fiz-zmien stabbilit fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 5 tal-Att VI tal-2007, u konsegwentement tiddikjara l-istess rikors irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------